Fit-Tribunal Industrijali

Kaz Nru 1564
Fit-Tilwima tax-Xoghol
bejn
General Workers' Union
u
Simonds Farsons Cisk p.l.c
dwar nuqqas ta' qbil fi klawsoli tal-ftehim kollettiv

Decizjoni numru 1336.

Illum, 20 ta' Settembru ,2002

Chairman- Dr Joseph P. Bonnici LL.D.
Membri- Frans Coleiro
Michael J. Mallia

Introduzjoni

Illi permezz ta' ittra datata 26 ta' Lulju, 2001, il-G.W.U talbet lill Onor. Ministru tal-Politika Socjali jirreferi in-nuqqas ta' qbil dwar interpretazjoni u twettiq ta' klawsoli fil-Ftehim Kollettiv ezistenti mal-kumpanija intimata S.F.C plc. ai termini tal-kap 266.

B' ittra tas-6 t' Awissu, 2002, din il-kwistjoni giet riferita lil dan it-Tribunal ghad-decizjoni tieghu.

Fatti.

Il-pendenza ta' nuqqas ta' qbil hija riflessa fuq tlett punti:

1. Il-hlas dovut lil certi haddiema li jigu ordnati li jidhlu ghax-xoghol waqt is-shutdown tal-Milied/ l-ewwel tas-Sena.

2. Il-gurnata ta' leave 'extra' li jiehdu s-'Security Guards'.

3. Il-leave li ghalih huma propjament intitolati l-istess 'Security Guards'.

Dwar l-ewwel punt il-GWU ssostni li l-pagament kellu jkun rata ta' 1.5 oltre l-hlas tal-paga bazika. Il-principal jikkontendi li jkun hemm biss hlas tar-rata bis-siegha / siegha u nofs biss, minghajr il-hlas extra tal-paga bazika.

Dwar it-tieni punt, is-SFC tallega li kien qed jigi kommess zball aministrattiv fl-ghoti ta' gurnata extra. Da parti taghha il-GWU tallega li skond il-ftehim kollettiv, hija dovuta dik il-gurnata extra.

Dwar it-tielet punt, il-GWU jikkontendi li l-leave ghandhu jkun kalkolat skond il-granet minnhom mahduma tax-xoghol. Minn naha l-ohra, il-principal jallega li dan ghandhu jinhadem fuq kalkolu ta' sieghat mahduma ta' xoghol u mhux skond il-granet effettivi.

Konsiderazzjonijiet

Illi t-Tribunal jirrileva li dan in-nuqqas ta' qbil fuq semplici interpretazzjoni ma messitx waslet f' dan l-istadju. Setghet facilment tigi spjanata madwar mejda ta' diskussjoni.

Dwar l-ewwel punt

Effetivament, jirrizulta li hemm minuti ta' laqghat li saru bejn il-partijiet qabel u wara s-shutdown. Anki jekk jigi nvokat il-ftehim kollettiv, l-interpretazzjoni li ghandha tinghata hija unikament wahda.

Il-verbali tal-laqghat tal-24 ta' Novembru, 1999 u 3 ta' Marzu, 2000 huma inekwivoci kif del resto huwa l-ftehim kollettiv, specifikament fl-Art 34. Is-subinciz (i) (c) jipprovdi ghal hlas ta' darba u nofs ir-rata normali ghal hin mahduma, matul il-Christmas shutdown meta l-impjegat jigi avzat matul il-hamest ijiem qabel l-istess shutdown...Is-subinciz (ii) (d) jistipula darbtejn ir-rata normali jekk l-impjegat jigi msejjah waqt is-shutdown.

Dana jikkostitwixxi kliem car li ma jkolli l-ebda dubbju f' mohh il-gudikant ghall-interpretazzjoni tieghu. Il-kliem riferit fl-ewwel paragrafu tal-istess Art 34- ossia isir hlas iehor fuq il-paga bazika... precizament ifisser li jkun hemm hlas "extra", izda mhux "over and above". Ir-rati ta' darba u nofs u/jew doppju hija merament mahduma fuq il-paga bazika, izda mhux oltre dik. Dan ifisser li jkun dovut lil haddiem darba u nofs jew darbtejn ir-rata normali u mhux din oltre il-paga bazika.

Dwar it-tieni punt.

Il-kumpanija tammetti li sar zball amminstrattiv da parti taghha fl-applikazzjoni tieghu tramite l-ftehim kollettiv. Tpogga fejn tpogga l-Artikolu applikabili, dana ghandhu jigi applikat kif solitament regolamentat. Veru li giet krejata diskriminazzjoni bejn settur u iehor ta' haddiema fl-istess intrapriza ta' xoghol. Pero it-Tribunal mhux tal-opinjoni li fl-ahhar tal-validita tal-ftehim kollettiv, ghandha titharbat il-paci u armonija ancorche' fuq kondizzjoni ta' xoghol. F'dan il-punt non si tratta kaz ta' interpretazjoni fuq settur partikolari ta' haddiem hux privilegjat jew le. Dan hu punt ta' applikazzjoni tal-ftehim kollettiv, ossia ta' dak li kien diskuss, miggieled konkluz u iffirmat. Dura lex sed, lex.

Dwar it-tielet punt.

Jigi ribadit li hawn si tratta ta' applikazzjoni ta' ftehim kollettiv. Il-ligi hija cara u l-istess ftehim kollettiv huwa car. Probabbli ma kenitx qed tintuza l-istess vista mill-istess 'focus' .

Il-Kap 135, ossia c-CERA u l-Wages Regulation Order huma l-ligi ta' Malta. Din il-ligi ghandha tapplika. Anzi dan huwa l-minimu li jrid jigi applikat fil-konfront ta' kull haddiem, anqas minn hekk mhux possibbli. Di fatti il-Kap 266 jorbot lit-Tribunal Industrijali li ma jistax imur kontra ligi miktuba jew ftehim milhuq, Vide AirMalta vs Cabin Crew. Pacta sunt servanda!

Dak li l-Union ftehmet f'isem il-membri taghha mal-principal huwa riprodott fil-ftehim kollettiv. Ma tistax issa tirreklama li kienet hija stess firmatarja fuq artiklu illegali, jekk wara kollox huwa illegali jew li sar kontra il-ligi.

Art 28. dwar kategorija D ossia s-Security Guards jahdem il-'leave' a bazi ta' ammont ta' sieghat ta' xoghol u l-qasma taghhom fuq diversi granet. Il-leave ukoll jinhadem f'termini ta' sieghat . L-union ftehmet fuqhu, qablet u ffirmatu!

Anke jekk wiehed jifli sewwa l-Kap 135 – l-Wages Regulation Orders applikabbli ghal Beverage Industries (Legal Notice 99 tal-Kap 1980), il-punt bazilari huma n-numru ta' sieghat mahduma. Kwalunkwe haddiem ghandhu dritt ghal mistrieh skond is-sieghat mahduma.

F'kaz kuntrarju, tinholoq ingustizzja magna bejn l-istess haddiem. Zgur li l-legizlatur la kellu f'mohhu dan u wisq anqas ried hekk.

Konkluzjoni:

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi l-odjerna tilwima tax-xoghol billi:

1. il-hlas ghal xoghol waqt ix-shutdown ikun 50% jew 100% (skond il-kaz) tar- rata normali.

2. Is-Security Guards, huma intitolati ghal dik il-gurnata extra matul id-dekors tal-ahhar Ftehim Kollettiv ghal perjodu 01 ta' Jannar 1999 – 31 ta' Dicembru 2001.

3. Il-kalkolu tal-leave minn S.F.C p.l.c. huwa skond il-Ligi.

B' hekk din it-tilwima tax-xoghol hija definittivament terminata.

FRANS COLEIRO
Membru

MICHAEL MALLIA
Membru

AVV. JOSEPH P. BONNICI LL.D.
Chairman

Kaz Nru 1564 — B'referenza għad-deċiżjoni Nru. 1336.

Rapport ta' Minorita minn Frans Coleiro

Jien hanw that iffirmat niddikjara li ma naqbilx mad-decizjoni dwar il-kaz Nru 1564 u ghalhekk qed inressaq dan ir-rapport ta' minorita bir-ragunijiet.

L-EWWEL PUNT
Hlas lill-haddiema qabel u waqt ix-shut down tal-Milied / L-ewwel tas-Sena.

1. Ma naqbilx ma l-impjressjoni li ppruvat taghti l-Kumpanija SFC li l-klawsola relattiva taghmel parti mill-Klawsola tas-sahra. Jekk din saret bi zball fil-post fejn hi qieghda kienet il-Kumpanija u l-Union li kienet innegozjat dak il-Ftehim Kollettiv li ghamlu l-Klawsola fejn hi.

2. Lanqas m'ghandna naraw li dan il-hlas ser ikun differenti minn ta' haddiema ohra. Dan imissha ratu l-Kumpanija waqt in-negozjar tal-Klawsola.

3. Il-kaz li ghandna mhux jekk hux qed jithallsu zejjed jew le, il-haddiema, imma jekk il-Kumpanija hiex qed thallas skond kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv. Jekk il-Kumpanija qed thoss li trid tohrog mill-ftehim li ghamlet hi stess, dan tista tipprova taghmlu waqt negozjar ta' revizjoni ta' l-istess ftehim kollettiv.

4. Ta' min jigbed l-attenzjoni fuq il-kliem li bih tibda l-Klawsola 34 u dan jorbot kollox :- "minghajr effett fuqhlas ghal dak il-hin kollu li jaghmel parti ntegrali mill-gimgha tax-xoghol, <u>**isir hlas iehor.**</u>

5. Jidher car allura li l-hlas li jsir waqt ix-Shut Down huwa fuq dak il-hlas li haddiem ikun diga ntitolat ghal gimgha ta' xoghol normali.

6. L-argument imsemmi mill-Kumpanija li kien intlahaq ftehim 'ad hoc' kif interpretat fil-minuti tal-24 ta' Novembru, 1999, kien fuq l-arrangament tal-hlas 'extra' meta haddiema kienu jigu msejjha biex jaghmlu xoghol fi zmien ix-shut down.

Ghaldaqstant ninsisti li l-hlas ghandu jkun (kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv)

a. matul il-hamest ijiem qabel ix-shut down (X1.5) + (1 Day's Pay) + (1 Day's Pay)
b. matul il-Christmas/New Year's Shut Down jekk il-haddiem jigi msejjah ghax-xoghol meta x-shut down ikun diga beda :- (X2) + (1 Day's Pay) + (1 Day's leave)

Meta qed nghid +1 day's leave ifisser li l-leave ma jintilifx.

It-TIENI PUNT

Ta' min jinnota li kull meta tissemma gurnata leave, kemm fil-ligi u kemm fil-ftehim kollettiv, dejjem kienet tfisser gurnata u mhux nofs ta' nhar. Il-kumpanija kienet ilha snin tinterpreta gurnata b'gurnata minflok Christmas Eve u gurnata ohra fi New Year Eve. Imkien fil-ligi ma tezisti l-gurnata tittiehed b'nofs ta' nhar.

IT-TIELET PUNT

L-istess jista jinghad ghal kaz tal-Leave Entitlement tas-Security Guards.

Il-ligi titkellem car fuq il-leave li ghandhom jiehdu erba (4) gimghat plus erbat (4) ijiem ohra, dawn ghandhom jitqiesu bhala granet kif tghid car il-ligi. Immaterjali jekk haddiem jahdimx hdax il-siegha, tmien sieghat jew erba sieghat.

Prova ta' dan hu l-fatt li meta haddiem jahdem bin-nofs ta' nhari u jiehu gurnata frank, ma jinqataghlux erba' (4) sieghat imma gurnata.

Fuq il-gurnata extra li jiehdu l-haddiema kollha tal-Kumpanija kienet l-istess kumpanija li ddikjarat li s-Security Guards jiehdu gurnata extra.

Ghar-ragunijiet t'hawn fuq niddikjara li ma naqbilx mad-decizjoni tat-Tribunal u naqbel mal-kaz kif imressaq mill-G.W.U. f'isem il-haddiema.

F. COLEIRO 20.09.02.